



Kunsill Ewropew

Brussell, 21 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

EUCO 31/22

CO EUR 27
CONCL 6

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 u 21 ta' Ottubru 2022) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA/RUSSJA

L-eskalazzjoni tal-aggressjoni tar-Russja

1. Il-Kunsill Ewropew indirizza l-eskalazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li qed tpoġġi l-paċi u s-sigurtà Ewropej u dinjija f'riskju. Il-Kunsill Ewropew huwa determinat li jiġġieled id-diżinformazzjoni mmirata biex iġġib fix-xejn l-isforzi kollettivi tagħna li niddefendu s-sovranietà tal-Ukrajna u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Huwa jtenni li r-Russja waħedha terfa' r-responsabbiltà għall-kriżijiet attwali fl-enerġija u fl-ekonomija.
2. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-attakki indiskriminati reċenti Russi bil-missili u d-droni mmirati lejn persuni ċivili u oġġetti u infrastruttura ċivili fi Kiev u fl-Ukrajna kollha. Jikkundanna bl-istess mod l-azzjonijiet tar-Russja fl-impjant tal-enerġija nukleari tal-Ukrajna ta' Zaporizhzhia u jissottolinja l-appoġġ tal-Unjoni Ewropea għall-isforzi tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika biex iżomm is-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji tal-faċilità.
3. Filwaqt li jfakkar fid-dikjarazzjoni tat-30 ta' Settembru 2022, u f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-12 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna inekwivoka u r-rifjut qawwi tiegħu għall-annessjoni illegali mir-Russja tar-reġjuni Ukreni ta' Donetsk, Luhansk, Zaporizhzhia u Kherson. Bħal fil-każ tal-Krimea u Sevastopol, l-Unjoni Ewropea qatt mhi ser tirrikonoxxi din l-annessjoni illegali. Id-deċiżjonijiet unilaterali tar-Russja jiksru deliberatament il-Karta tan-NU u jinjoraw b'mod sfaċċat l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. Ir-Russja ma għandha bażi leġittima għal ebda azzjoni fit-territorju tal-Ukrajna.
4. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-indipendenza, is-sovranietà u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. F'konformità mal-Karta tan-NU u mad-dritt internazzjonali, l-Ukrajna qed teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża kontra l-aggressjoni Russa. Hija għandha d-dritt li tillibera u terġa' tikseb il-kontroll sħiħ tat-territorji okkupati kollha fil-fruntieri tagħha rikonnoxxuti internazzjonalment.

5. Il-Kunsill Ewropew jeżiġi li r-Russja tirtira immedjatament, għalkollox u mingħajr kondizzjonijiet, il-forzi militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, kif eżiġiet l-Assemblea Ġenerali tan-NU, u li r-Russja twaqqaf l-attakki ibridi kollha kontra l-Ukrajna.
6. Id-delitti tal-gwerra mwettqa kontra l-Ukreni, li tagħhom hemm dejjem aktar evidenza, u l-qerda kontinwa tal-infrastruttura ċivili huma ksur serju tad-dritt internazzjonali. L-Unjoni Ewropea ttenni l-impenn sod tagħha li żżomm lir-Russja, u lill-awturi u lill-kompliċi kollha, responsabbli, u ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-investigazzjonijiet mill-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-isforzi tal-Ukrajna biex tiżgura r-responsabbiltà, inkluż għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Huwa jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jesploraw kif tista' tiġi żgurata responsabbiltà sħiħa.
7. L-Unjoni Ewropea kompliet issaħħaħ il-miżuri restrittivi tagħha kontra r-Russja u tinsab lesta tkompli tagħmel dan. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva, waqt li tiġi evitata ċ-ċirkumvenzjoni u l-faċilitazzjoni tagħha, u jappella lill-pajjiżi kollha sabiex jallinjaw ruħhom mas-sanzjonijiet tal-UE. L-isforzi f'dan ir-rigward għandhom jiżdiedu. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta kif tista' tkompli tiżdied il-pressjoni kollettiva fuq ir-Russja biex tintemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha.
8. Il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza ta' Prattiki magħquda tal-UE dwar il-ħruġ tal-viżi fir-rigward ta' applikanti Russi, u jilqa' l-linji gwida aġġornati tal-Kummissjoni Ewropea.
9. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' tappoġġa lill-Ukrajna sakemm hemm bżonn. Hija ser tkompli tipprovdi appoġġ politiku, militari u finanzjarju qawwi lill-Ukrajna, inkluż għall-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha, u żżid ir-rispons umanitarju tagħha, partikolarment biex tħejji għax-xitwa. Id-deċiżjoni li titwettaq Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b'appoġġ għall-Ukrajna ġiet adottata mill-Kunsill, kif ukoll id-deċiżjoni reċenti li jkomplu jiżdiedu l-miżuri ta' assistenza tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati Ukreni. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar il-ħidma fuq il-post tal-Missjoni ta' Konsulenza ċivili tal-UE fl-Ukrajna.

10. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-għoti f'waqtu tat-EUR 3 biljun li fadal f'assistenza makrofinanzjarja għall-Ukrajna. Huwa jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta soluzzjoni aktar strutturali biex tingħata l-assistenza lill-Ukrajna, u jistieden lill-Kunsill jaħdem fuq din is-soluzzjoni. Il-potenzjal sħiħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv mal-Ukrajna għandu jintuża biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħha għas-Suq Uniku.
11. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tappoġġa s-sokkors, ir-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, flimkien mas-sħab internazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji. Qabel il-Konferenza ta' Esperti Internazzjonali f'Berlin fil-25 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-governanza u l-finanzjament ta' dawn l-isforzi, inkluż ir-riformi. Barra minn hekk, filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta opzjonijiet f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali bl-għan li jintużaw assi ffriżati għall-appoġġ tar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.
12. L-Ukrajna ddikjarat li tinsab lesta għal paċi ġusta, li għandha tinkludi r-rispett għall-integrità u s-sovranià territorjali tagħha kif protetti mill-Karta tan-NU; is-salvagwardja tal-kapaċità tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnifisha fil-futur; l-iżgurar tal-irkupru u r-rikostruzzjoni tagħha, inkluż bl-esplorazzjoni ta' mezzi biex dan isir b'fondi mir-Russja; u l-aċċertament li tintrefa' r-responsabbiltà għad-delitti Russi mwettqa matul il-gwerra.
13. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-awtoritajiet Belarussi biex jieqfu jabilitaw il-gwerra ta' aggressjoni Russa billi jippermettu lill-forzi armati Russi jużaw it-territorju Belarussu u billi jipprovdu appoġġ lill-militar Russu. Ir-reġim Belarussu jrid jirrispetta bis-sħiħ l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali. L-Unjoni Ewropea għadha lesta taġixxi malajr b'aktar sanzjonijiet kontra l-Belarussja.
14. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna wkoll bil-qawwa l-appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja pprovduta mill-awtoritajiet Iranjani, li trid tieqaf. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' s-sanzjonijiet tal-UE adottati fl-20 ta' Ottubru 2022.

Sigurtà tal-ikel

15. Ir-Russja, billi tuża l-ikel bħala arma fil-gwerra tagħha kontra l-Ukrajna, hija unikament responsabbli għall-kriżi dinjija tas-sigurtà tal-ikel li pprovokat. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kkawżat tfixkil fil-produzzjoni agrikola, fil-ktajjen tal-provvista u fil-kummerċ, li wassal biex il-prezzijiet dinjija tal-ikel u tal-fertilizzanti jilhqqu livelli mingħajr preċedent. Il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna għamlu possibbli l-esportazzjoni ta' volumi sinifikanti ta' għelejjel, prodotti agrikoli u fertilizzanti Ukreni lejn il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn. L-Unjoni Ewropea ser tkompli ttejjeb l-effiċjenza tal-Korsiji ta' Solidarjetà kollha. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-estensjoni tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali tan-NU lil hinn mill-perjodu attwali tagħha li jintemm f'Novembru. Is-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja ma jipprojbixx l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli jew tal-ikel bejn pajjiżi terzi u r-Russja.

II. INFRASTRUTTURA KRITIKA

16. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-atti ta' sabotaġġ fuq infrastruttura kritika, bħal dawk fuq il-pipelines Nord Stream. L-Unjoni Ewropea ser twieġeb għal kwalunkwe tfixkil intenzjonat tal-infrastruttura kritika jew azzjonijiet ibridi oħra b'rispons magħqud u determinat. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri urġenti u effettivi, u biex jikkooperaw ma' xulxin, mal-Kummissjoni u ma' atturi rilevanti oħra, bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika. Għandha titmexxa 'l quddiem malajr il-ħidma fuq il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat mill-Unjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, inkluż l-implimentazzjoni bikrija tad-Direttiva riveduta dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni (id-Direttiva NIS 2) u d-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi.

III. ENERĠIJA U EKONOMIJA

17. Ikkonfrontata mill-użu tal-enerġija bħala arma mir-Russja, l-Unjoni Ewropea ser tibqa' magħquda sabiex tħares liċ-ċittadini u lin-negozji tagħha u tieħu l-miżuri urġenti meħtieġa.
18. Il-Kunsill Ewropew qabel li, minħabba l-kriżi li għaddejja bħalissa, hemm bżonn li l-isforzi biex titnaqqas id-domanda, tiġi żgurata l-provvista, jiġi evitat ir-razzjonar u jitnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji fl-Unjoni kollha, jiġu aċċellerati u intensifikati, u l-integrità tas-Suq Uniku jeħtieġ li tiġi ppreservata.

Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti jippreżentaw deċiżjonijiet konkreti dwar il-miżuri addizzjonali li ġejjin, kif ukoll dwar il-proposti tal-Kummissjoni, wara li jkunu vvalutaw l-impatt tagħhom, b'mod partikolari fuq il-kuntratti eżistenti, inkluż li l-kuntratti fit-tul ma jiġux affettwati, u b'kont meħud tat-taħlitiet differenti tal-enerġija u ċ-ċirkostanzi nazzjonali:

- a) ix-xiri volontarju tal-gass b'mod konġunt, ħlief għall-aggregazzjoni vinkolanti tad-domanda għal volum ekwivalenti għal 15 % tal-ħtiġijiet tal-mili tal-gass, skont il-ħtiġijiet nazzjonali, u t-tħaffif tan-negozjati ma' sħab affidabbli għat-tiftix ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku, billi jisfruttaw il-piż kollettiv tas-suq tal-Unjoni u jagħmlu użu sħiħ mill-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija, li hija miftuħa wkoll għall-Balkani tal-Punent u t-tliet Sħab tal-Lvant assoċjati;
- b) punt ta' riferiment komplementari ġdid sal-bidu tal-2023 li jirrifletti b'mod aktar preċiż il-kundizzjonijiet fis-suq tal-gass;

- c) kuritur tal-prezzijiet dinamiku u temporanju għat-tranżazzjonijiet tal-gass naturali biex jiġu limitati b'mod immedjat episodji ta' prezzijiet eċċessivi tal-gass, filwaqt li jitqiesu s-salvagwardji stipulati fl-Artikolu 23(2) tal-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill propost fit-18 ta' Ottubru 2022;
- d) qafas temporanju tal-UE għal limitu massimu fil-prezz tal-gass fil-ġenerazzjoni tal-elettriku, inkluż analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, mingħajr modifiki fl-ordni tal-mertu, filwaqt li tiġi prevenuta ż-żieda fil-konsum tal-gass, jiġu indirizzati l-impatti tal-finanzjament u tad-distribuzzjoni u l-impatt tiegħu fuq il-flussi lil hinn mill-fruntieri tal-UE;
- e) titjib fil-funzjonament tas-swieq tal-enerġija sabiex tiżdied it-trasparenza tas-suq, jittaffa l-istress tal-likwidità u jiġu eliminati fatturi li jkabbru l-volatilità tal-prezzijiet tal-gass, filwaqt li tiġi żgurata l-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja;
- f) simplifikazzjoni rapida tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi sabiex titħaffef l-implimentazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u grilji inkluż b'miżuri ta' emerġenza abbażi tal-Artikolu 122 TFUE;
- g) miżuri għas-solidarjetà tal-enerġija f'każ ta' interruzzjonijiet tal-provvista tal-gass fil-livell nazzjonali, reġjonali jew tal-Unjoni, fin-nuqqas ta' ftehimiet bilaterali ta' solidarjetà;
- h) aktar sforzi biex tiġi ffrankata l-enerġija;

- i) mobilizzar tal-għodod rilevanti fil-livell nazzjonali u dak tal-UE. Fl-istess ħin, il-prijorità immedjata hija li jiġu protetti l-unitajiet domestiċi u n-negozji, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħna. Il-preservazzjoni tal-kompetittività globali tal-Unjoni hija wkoll kruċjali. L-għodod rilevanti kollha fil-livell nazzjonali u tal-UE għandhom jiġu mobilizzati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna, filwaqt li tiġi ppreservata l-kompetittività dinjija tal-Ewropa u jinżammu l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-integrità tas-Suq Uniku. Il-Kunsill Ewropew huwa kommiss għall-koordinazzjoni mill-qrib tar-risponsi ta' politika. Huwa jenfasizza l-importanza ta' koordinazzjoni mill-qrib u ta' soluzzjonijiet komuni fil-livell Ewropew, fejn xieraq, u huwa impenjat li jinkisbu l-oġġettivi ta' politika tagħna b'mod magħqud. Il-Kunsill ser ikompli jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u huwa impenjat li jkompli jsaħħaħ il-koordinazzjoni tagħna, sabiex jingħata rispons ta' politika determinat u aġili.
19. Il-Kunsill Ewropew itenni l-ħtieġa li jiżdiedu l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, f'infrastruttura tal-enerġija li tibqa' valida fil-futur, inkluż l-interkonnessjonijiet, il-ħżin, u teknoloġiji rinnovabbli innovattivi.
20. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tħaffef il-ħidma fuq ir-riforma strutturali tas-suq tal-elettriku, inkluż il-valutazzjoni tal-impatt, u jappella għal aktar progress lejn Unjoni tal-Enerġija sħiħa li taqdi l-oġġettiv doppju tas-sovranià tal-enerġija Ewropea u n-newtralità klimatika.
21. Il-Kunsill Ewropew jibqa' jsegwi l-kwistjoni.

IV. RELAZZJONIJIET ESTERNI

22. Il-Kunsill Ewropew kellu wkoll diskussjoni strateġika dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea maċ-Ċina.
23. Huwa ddiskuta wkoll it-tħejjijiet għas-Summit Kommemorattiv li jmiss bejn l-UE u l-ASEAN fl-14 ta' Diċembru 2022. Is-summit ser ikun opportunità biex tiġi approfondita aktar is-Sħubija Strateġika tal-Unjoni Ewropea mal-ASEAN u biex jiġi ssottolinjat ir-rispett li għandna għad-dritt internazzjonali u n-normi u l-istandards maqbula internazzjonalment, kif ukoll biex tiġi enfasizzata l-importanza tal-interessi komuni li jorbtu liż-żewġ reġjuni tagħna fi sħubija li ilha żmien teżisti.
24. Il-Kunsill Ewropew ħa kont tat-tħejjijiet għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2022 f'Sharm el-Sheikh (COP27) u għall-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (it-Tieni Parti) f'Montreal. Fil-konfront ta' eventi ta' temp estrem dejjem aktar intensi u frekwenti, inkluż mewġiet ta' sħana, nirien u għargħar, u t-telf bla preċedent tal-bijodiversità madwar id-dinja, huwa enfasizza l-urġenza estrema li jissaħħaħ ir-rispons dinji biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika u l-kriżi tal-bijodiversità. Sabiex l-oġettiv ta' 1.5 °C jibqa' aċċessibbli, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Partijiet kollha, b'mod partikolari l-ekonomiji ewlenin, biex jilhqqu jirrevedu u jsaħħu l-kontributi tagħhom stabbiliti fil-livell nazzjonali qabel il-COP27. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għall-adozzjoni ta' qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020, ambizzjuż, komprensiv u trasformattiv, biex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità.
25. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-użu inġustifikabbli u inaċċettabbli tal-forza mill-awtoritajiet Iranjani kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari kontra n-nisa, u jilqa' l-miżuri restrittivi tal-UE adottati fis-17 ta' Ottubru 2022 kontra l-awturi ta' dan il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa jappella lill-Iran biex iwaqqaf immedjatament ir-repressjoni vjolenti kontra d-dimostranti paċifiċi u jeħles lil dawk detenuti, b'rispett sħiħ għad-drittijiet ċivili u politiċi tagħhom.